

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarji](#) > [Insolvenza/falliment](#) > Italy

Insolvenza/falliment



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Kontra min jistgħu jinfetħu proċedimenti ta' insolvenza?

Proċedimenti ta' insolvenza jistgħu jittressqu kontra operaturi kummerċjali (individwi jew kumpaniji) dment li jkollhom jew:

- assi ta' EUR 300,000.00 jew aktar fit-tliet snin qabel ir-rikors għal insolvenza obligatorja jew arranġament mal-kredituri
- dħul annwali gross ta' EUR 200,000.00 jew aktar f'kull waħda mit-tliet snin qabel ir-rikors għal insolvenza obligatorja jew arranġament mal-kredituri
- djun totali (fid-data tar-rikors għal insolvenza obligatorja jew arranġament mal-kredituri) ta' EUR 500,000.00 jew aktar (irrispettivament mid-data li fiha ġġarrbu)

2 X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza?

a) l-insolvenza obligatorja teħtieġ li l-impriża tkun insolventi. Jista' jsir rikors għaliha minn:

- debitur (jew korpi jew awtoritajiet amministrattivi li għandhom funzjonijiet superviżorji u ta' monitoraġġ fuq l-impriża)
- kreditur
- il-Prosekutur Pubbliku

b) l-arranġament mal-kredituri (*concordato preventivo*) jirrikjedi li l-impriża tkun f'diffikultà (jiġifieri tesperjenza diffikultajiet finanzjarji li ma humiex severi biżżejjed biex jikkawżaw insolvenza) jew insolventi, u jista' jsir rikors għalih biss mid-debitur.

3 Liema huma l-assi li jiffurmaw parti mill-patrimonju tal-insolvenza? Kif jiġu ttrattati l-assi li huma miksuba minn, jew li jiddevolvu lid-debitur wara l-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza?

L-assi kollha jiffurmaw parti mill-proċedura, ħlief għal:

1. proprjetà u drittijiet strettament personali;
2. allowances għall-manteniment, pagi, pensjonijiet, salarji u dak li d-debitur jaqla' mix-xogħol tiegħu fil-limiti stabbiliti mill-qorti bħala meħtieġa biex isostni lill-nifsu u lill-familja tiegħu;
3. introjtu mill-użufrutt legali tad-debitur tal-patrimonju ta' wliedu, assi f'fondi mwarrba għall-ħtiġijiet tal-familja (*fondo patrimoniale*) u l-introjtu minnu, ħlief kif previst fl-Artikolu 170 tal-Kodiċi Ċivili;
4. oġġetti li ma jistgħux jiġu maqbuda bil-liġi.

L-assi fil-proċedimenti jinkludu l-assi kollha akkwistati mid-debitur wara li jkunu nbdew il-proċedimenti, iżda ma

jinkludux l-obbligazzjonijiet imġarrba sabiex jinkisbu u jinżammu dawk l-assi.

4 X' setgħat għandhom id-debitur u l-prattikant tal-insolvenza, rispettivament?

Il-prattikant tal-insolvenza (l-amministratur) għandu s-setgħa/id-dmir li jimmaniġġja l-assi, ibigħhom, u jqassam ir-rikavat lill-kredituri.

Id-debitur jista' jikkuntattja lill-amministratur għall-informazzjoni u jista' jikkontesta l-miżuri meħuda mill-amministratur u r-riċevitur maħtur mill-qorti, iżda biss jekk ikunu ġew adottati bi ksur tal-liġi (mhux, għalhekk, sempliċiment għal raġunijiet ta' espedjenza).

5 Taħt liema kundizzjonijiet tiġi invokata t-tpaċija ?

Id-dejn u l-kontrotalba tal-istess persuna (*controcredito*) relatati mal-proċedimenti jistgħu jiġu paċuti jekk ikunu nħolqu qabel ma nbdeu il-proċedimenti.

6 X'effett għandhom il-proċedimenti ta' falliment fuq kuntratti kurrenti li d-debitur huwa parti tagħhom?

Bħala regola ġenerali, il-kuntratti jiġu sospiżi meta tinbeda proċedura ta' insolvenza obligatorja. L-amministratur jista' jiddeċiedi jekk għandux jieħu f'idejh jew jitermina l-kuntratt.

Regoli speċjali huma stabbiliti għal ċerti tipi ta' kuntratti, li, skont il-każ, jew jintemmu awtomatikament bħala riżultat tal-bidu tal-proċedimenti ta' insolvenza obligatorji, jew ikomplu mingħajr ma jiġu sospiżi.

Ir-regola ġenerali għall-arranġament mal-kredituri hija li l-kuntratt ikompli, sakemm id-debitur ma jitlobx li l-qorti tissospendih jew titterminah.

7 X'effetti għandhom il-proċedimenti ta' insolvenza fuq il-proċedimenti miġjuba minn kredituri individwali (bl-eċċezzjoni ta' kawżi pendenti)?

Normalment, kreditur ma jistax jibda jew ikompli proċedura ta' infurzar jew azzjoni għal rimedju provviżorju għal assi involuti fi proċedimenti wara li jkunu bdew, ħliet meta l-amministratur jiddeċiedi li jeħodhom f'idejh.

Il-kredituri jistgħu jieħdu azzjoni legali wara l-bidu tal-proċedimenti ta' insolvenza biss jekk l-amministratur jonqos milli jaġixxi, jiġifieri ma jieħux tali azzjoni (deliberatament jew saħansitra sempliċiment permezz ta' negliġenza).

8 X' inhu l-effett ta' proċediment ta' insolvenza fuq il-kontinwazzjoni ta' kawżi pendenti fil-mument tal-ftuħ ta' proċediment ta' insolvenza?

Il-bidu ta' proċedura ta' insolvenza obligatorja jwaqqaf il-proċedimenti li jkunu għaddejjin, li mbagħad ikunu jistgħu jitkomplew sussegwentement.

Il-kawżi mibdija minn kreditur kontra persuna li sussegwentement tkun soġġetta għal insolvenza ordnata mill-qorti jistgħu jitkomplew biss mill-amministratur u jsegwu l-klassifikazzjoni inerenti għal dawk il-proċedimenti.

Id-debitur jista' jintervjeni biss f'każijiet eċċezzjonali.

9 Liema huma l-karatteristiċi ewlenin tal-parteciċipazzjoni tal-kredituri fil-proċedimenti ta' insolvenza?

Il-kumitat tal-kredituri huwa magħmul minn tliet jew f'ames kredituri matul il-proċedimenti ta' insolvenza obligatorji u għandu setgħat sinifikanti. B'mod partikolari, huwa:

- jawtorizza tranżazzjonijiet, tnaqqis tad-dejn, ftehimiet speċjali, soluzzjonijiet barra mill-qorti, jirrikonoxxi d-drittijiet ta' terzi, il-kanċellazzjoni ta' ipoteki, ir-ritorn ta' rahan, ir-rilaxx ta' bonds, l-aċċettazzjoni ta' wirt u rigali, u l-atti l-oħra kollha ta' amministrazzjoni speċjali;
- jimmonitorja l-azzjonijiet tal-amministratur u jista' jitlob iċ-ċaħda tagħhom mill-qorti;
- japprova l-pjan ta' likwidazzjoni;
- jawtorizza lill-amministratur jieħu f'idejh jew jittermina kuntratt li jkun għaddej fid-data li fiha tinbeda l-proċedura ta' insolvenza obligatorja;
- jattendi operazzjonijiet ta' rendikont li jinvolvu l-assi tad-debitur;
- jaċċessa d-dokumenti kollha relatati mal-proċedimenti;
- jawtorizza lill-amministratur jeskludi mill-assi, jew jabbanduna l-likwidazzjoni ta', assi wieħed jew aktar jekk il-likwidazzjoni tidher manifestament żvantaġġuża;
- japplika għar-riċevitur maħtur mill-qorti għas-sospensjoni tal-bejgħ tal-assi.

Barra mis-setgħat amministrattivi attivi ta' hawn fuq, il-kumitat tal-kredituri jesprimi opinjonijiet dwar il-miżuri meħuda mir-riċevitur imqabbad mill-qorti jew mill-qorti stess, jiġifieri:

- l-awtorizzazzjoni lill-kredituri garantiti biex ibiegħu assi miżmuma bħala garanzija;
- l-awtorizzazzjoni lir-riċevitur maħtur mill-qorti biex ikompli jmexxi l-kumpanija temporanjament (il-kumitat tal-kredituri jrid japprova l-kontinwazzjoni);
- l-awtorizzazzjoni lir-riċevitur maħtur mill-qorti biex jikri n-negozju (il-kumitat tal-kredituri jrid japprova l-kirja).

Il-kumitat tal-kredituri jinħatar billi tiġi rratifikata s-sentenza bħala parti mill-arranġamenti ta' likwidazzjoni mal-kredituri, u jeżerċita l-istess setgħat, meta jkun kompatibbli.

10 B'liema mod jista' l-prattikant tal-insolvenza juża jew jiddisponi minn assi tal-patrimonju?

L-amministratur jista' (soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel):

- ikompli jmexxi l-kumpanija jew setturi speċifiċi;
- jikri n-negozju jew setturi speċifiċi;
- ibiegħ l-assi kollha sabiex iqassam ir-rikavat lill-kredituri;
- jiddeċiedi li ma jbigħx jew ma jakkwistax assi ta' valur baxx.

11 Liema talbiet għandhom jiġu ppreżentati kontra l-patrimonju tal-insolvenza tad-debitur u kif għandhom jiġu ttrattati t-talbiet li jsiru wara l-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza?

Kull kreditur, irrispettivament mil-livell tiegħu u l-ammont tal-pretensjoni tiegħu, jista' jitlob lill-qorti biex tibda proċedimenti ta' insolvenza obligatorji kontra d-debitur. Il-kreditur ma għandux għalfejn ikollu ordni ta' infurzar, li huwa importanti huwa li jkun hemm evidenza dokumentarja għall-pretensjoni.

Il-kredituri kollha (inklużi dawk li applikaw u kisbu l-bidu tal-proċedimenti) iridu japplikaw biex il-pretensjonijiet tagħhom jiġu ammessi wara l-bidu tal-proċedimenti.

12 Liema huma r-regoli li jirregolaw il-preżentata, il-verifika u l-ammissjoni tat-talbiet?

Il-kredituri jistgħu jissottomettu l-pretensjonijiet tagħhom direttament mingħajr rappreżentanza legali.

Ir-rikorsi tagħhom iridu jinkludu l-evidenza dokumentarja għall-pretensjoni u jridu jiġu sottomessi b'mod elettroniku (billi tintbagħat email iċċertifikata lill-amministratur).

13 Liema huma r-regoli li jirregolaw it-tqassim tal-assi wara tmiem il-proċedimenti? Kif jiġu kklassifikati t-talbiet u d-drittijiet tal-kredituri?

Ir-rikavati mill-bejgħ tal-assi jitqassmu fost il-kredituri kollha, skont il-klassifikazzjoni.

L-ammonti normalment jiġihallu fl-ordni li ġejja:

1. pretensjonijiet prededuċibbli
2. pretensjonijiet preferenzjali (il-liġi tagħti prijorià lil ipoteki, titoli, u pretensjonijiet preferenzjali ġenerali jew speċjali, għal xi wħud mill-assi jew l-assi kollha)
3. pretensjonijiet mhux garantiti
4. pretensjonijiet differiti.

Jekk (kif jiġri kważi dejjem) ir-rikavati ma jkunux biżżejjed biex jissodisfaw il-pretensjonijiet kollha, dawn ma jiġux distribwiti abbażi tal-ammont tal-pretensjoni, iżda pjuttost f'konformità mal-klassifikazzjoni stabbilita minn qabel. Imbagħad, f'kull kategorija ta' pretensjonijiet, jiġi segwit il-prinċipju ta' trattament ugwali, li jfisser li l-allokkazzjonijiet isiru abbażi tal-ammont tal-pretensjoni.

14 Liema huma l-kundizzjonijiet għal, u l-effetti tal-għeluq ta' proċedimenti ta' insolvenza (b'mod partikolari b'miżura komposta)?

Il-proċedimenti ta' insolvenza obligatorji jingħalqu meta:

- ma tkun għet ippreżentata l-ebda pretensjoni;
- il-pretensjonijiet kollha jkunu għew issodisfatti;
- ir-rikavat kollu tal-bejgħ tal-assi jkun għe distribwit;
- jiġi aċċertat li ma hemm l-ebda assi għall-bejgħ jew rikavat ieħor.

Jiġu applikati miżuri speċifiċi għall-għeluq meta l-proprjetà tinqabad jew tiġi kkonfiskata skont il-leġiżlazzjoni kontra l-mafja.

Ladarba l-proċedimenti ta' insolvenza obligatorji jingħalqu, id-debitur jerġa' jikseb il-kapaċità li jibda u jwieġeb għal azzjoni legali, u jista' jakkwista assi mingħajr ma dawn jinqabdu mill-amministratur.

L-arranġament mal-kredituri u l-arranġamenti obligatorji ta' insolvenza jintemmu meta l-ftehim bejn id-debitur u l-kredituri jkun għe approvat. Madankollu, meta l-ftehim jirrikjedi l-likwidazzjoni tal-assi (*concordato liquidatorio*), il-proċedura tkompli bil-bejgħ u, għalhekk, tiġi konklużi ladarba l-assi kollha jkunu nbiegħu u r-rikavati jkunu tqassmu lill-kredituri.

Ladarba l-arranġament mal-kredituri u l-arranġamenti ta' insolvenza obligatorji jingħalqu, id-debitur jiġi rilaxxat mid-djun kollha tiegħu.

15 X'inhuma d-drittijiet tal-kredituri wara l-għeluq ta' proċedimenti ta' insolvenza?

Ladarba jingħalqu l-proċedimenti ta' insolvenza obligatorji, il-kredituri jistgħu jieħdu azzjoni kontra d-debitur biex jirkupraw kwalunkwe dejn residwu (jiġifieri l-porzjon tad-dejn li ma jkunx tħallas lura mill-amministratur), sakemm ma tkunx seħħet proċedura ta' ħelsien mid-dejn, f'liema każ il-kredituri ma jistgħu jitolbu xejn mid-debitur.

Ladarba l-arranġament mal-kredituri jingħalaq, il-kredituri ma jistgħu jitolbu xejn mingħand id-debitur. Jekk, madankollu, id-debitur jonqos milli jissodisfa l-obbligi tiegħu, il-kredituri jistgħu japplikaw għat-terminazzjoni tal-arranġament. Ir-rikors irid isir fi żmien sena mill-iskadenza stabbilita għall-aħħar impenn fl-arranġament. It-terminazzjoni ma hijiex permessa jekk in-nuqqas ta' twettiq ikun ta' importanza minuri.

16 Min għandu jagħmel tajjeb għall-kostijiet u l-ispejjeż involuti fil-proċedimenti ta' insolvenza?

L-ispejjeż tal-proċedimenti tal-insolvenza jiġġarrbu mill-proċedimenti tal-insolvenza stess, u jitħallsu mir-rikavati tal-bejgħ tal-assi.

Jekk ma jkunx hemm assi, l-amministratur u l-ispejjeż imġarrba mill-amministratur jitħallsu mill-Istat.

17 X'inhuma r-regoli li għandhom x'jaqsmu man-nullità, l-annullabbiltà u n-nuqqas ta' eżekutorjetà ta' atti ġuridiċi detrimental għall-korp ġenerali ta' kredituri?

Atti li huma mingħajr f'las u pagamenti magħmula mid-debitur wara li jkun ġie ppreżentat ir-rikors għal proċedimenti ta' insolvenza obbligatorji, jew fis-sentejn ta' qabel, ma jkollhom l-ebda saħħa legali fuq il-kredituri.

L-atti li jkun daħal għalihom id-debitur wara li japplika għal insolvenza obbligatorja jew fis-sena preċedenti jew sitt xhur wara, jistgħu jiġu revokati, skont il-każ.

L-atti legali mwettqa mid-debitur wara l-bidu tal-proċedura huma nulli.

Atti ta' amministrazzjoni speċjali mwettqa matul l-arranġamenti mal-kredituri u mingħajr il-permess tal-qorti huma nulli.

■ L-aħħar aġġornament: 20/06/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.